**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Mary Rose Farrugia**

**Vs**

**Smart Wash Laundry & Dry Cleaning**

**CCT 245/24/MM**

**Illum,** 25 ta' Frar 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrenti ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2024 fejn talbet is-somma ta' mitejn u erbgħin ewro (€240), rappreżentanti l-prezz ta' żewġ quilts li nħarqu meta kienu għand l-intimata biex jitnaddfu.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti kienet ħadet ħames quilts għand is-soċjeta' intimata sabiex jitnaddfu. Illi ġara li l-laundry tas-soċjeta' intimata kienet ħadet in-nar b'konsegwenza li uħud mill-materjal li kien għandhom kien inharaq ukoll. Illi fil-każ odjern ir-rikorrenti ssostni li tlett quilt kienu

ġew ritornati u ma kellhom l-ebda ħsara iżda ż-żewġ quilts l-oħra kienu inħarqu u għalhekk qegħda tippretendi li tiġi kumpensata għall-valur tagħhom.

Illi s-soċjeta' intimata wieġbet li l-istima tar-rikorrenti kienet għall-ħames quilts u għalhekk dan l-ammont kellu jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-valur tal-quilts maħruqa biss u mhux tal-quilts kollha. Is-soċjeta' intimata argumentat li l-prezz tat-tindif tat-tlett quilts li ma nħarqux u li tnaddfu u ġew ritornati nodfa lir-rikorrenti għandu jitnaqqas mis-somma ta' kwalsiasi kumpens dovut lir-rikorrenti.

Illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2025, ir-rikorrenti xehdet bil-ġurament u kkonfermat it-talba tagħha.

Illi fl-istess seduta xehdet Moira Debono in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata u kkonfermat ir-risposta.

**Ikkunsidra**

Illi m'huwiex kontestat li s-soċjeta' intimata kienet hi illi eżercitat is-servizzi tad-tindif fuq il-quilts in kwistjoni. Illi m'huwiex kontestat li kien żviluppa xi nar fil-*laundry* tas-soċjeta' intimata u żewġ quilts minn ħamsa kienu inħarqu.

Illi minn naħa l-oħra hemm kontestazzjoni fuq il-valur tal-quilts maħruqa u hemm ukoll kontestazzjoni fuq il-ħlas dovut għat-tindif tal-tlett quilts li ma nħarqux.

Ir-rikorrenti spjegat li l-valur ta' waħda mill-quilts kien ta' sebgħin ewro (€70), u l-oħra kienet ta' mija u sebgħin u disgħin ċenteżmu ewro (€170.90). Qalet ukoll li l-quilts li ma nħarqux kienu ġew ritornati lilha maħmuġin. Ir-rikorrenti preżentat riċevuta ta' erbgħa u tletin ewro (€34) in sostenn ta' dan. Illi r-rikorrenti preċiżat li filwaqt li l-istima ossia Dok MRF1 hija ta' waħda mill-quilts li nħarqitilha, l-istima ossia Dok MRF2 hija ta' quilt simili ta' dik li nħarqitilha.

Illi Moira Debono in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata stqarret li kellha dubju jekk ir-rikorrenti kinietx ħadet erbgħa jew ħames quilts. Hija ssostni li għadha trid titħallas tat-tlett quilts li hija naddfet. Hija ma taqbilx mal-istimi preżentati mir-rikorrenti u tgħid li huma esaġerati.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

**Ikkunsidra**

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha, l-intimata tipprova toħloq dubju fix-xhieda tar-rikorrenti pero' t-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija plawsibbli. Illi filwaqt li r-rikorrenti preżentat evidenza dokumentarja ossia stimi u ritratti, għall-kuntrarju it-Tribunal jinnota li minn naħa tagħha s-soċjeta' intimata ma ppreżenta l-ebda xrara ta' prova sabiex isostni d-difiża tagħha u lanqas kienet ċerta milli qed tgħid tant li kellha dubju jekk il-klijenta kinitx ħadet għandha erbgħa jew ħames quilts.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti irnexxila tipprova l-każ tagħha u fuq bilanċ ta' probabbilita' l-provi juri li l-verżjoni tagħha hija aktar plawsibbli u verosimili. Għalhekk it-Tribunal ma jarax għaliex m'għandux jgħaddi biex jilqa' t-talba.

**Deċiżjoni**

Għalhekk għal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u erbgġin ewro (€240), rappreżentanti l-valur taż-żewġt quilts fi żmien ġimgħa mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**